

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 176/2014

tal-25 ta' Settembru 2014

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE  
[2015/1244]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2013 tal-20 ta' Settembru 2013, li jistipula r-regoli għal applikazzjonijiet li jikkonċernaw l-użu ta' deskrizzjonijiet ġeneriċi (denominazzjonijiet) <sup>(1)</sup> jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 40/2014 tas-17 ta' Jannar 2014, li jawtorizza ċerti dikjarazzjonijiet sanitarji dwar l-ikel, ħlief dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012 <sup>(2)</sup> jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2013 tal- 10 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi l-lista tal-Unjoni ta' prodotti primarji awtorizzati ta' taħwir bl-affumikazzjoni għall-użu bħala tali fl-ikel jew fuq l-ikel u/jew għall-produzzjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni derivati <sup>(3)</sup> jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni b'rabta mal-prodotti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar l-oġġetti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (5) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 54zzzzzp (Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012):

“— **32014 R 0040**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 40/2014 tas-17 ta' Jannar 2014 (ĠU L 14, 18.1.2014, p. 8).”

2. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 82 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 175/2014):

“83. **32013 R 0907**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2013 tal-20 ta' Settembru 2013, li jistipula r-regoli għal applikazzjonijiet li jikkonċernaw l-użu ta' deskrizzjonijiet ġeneriċi (denominazzjonijiet) (ĠU L 251, 21.9.2013, p. 7).

84. **32013 R 1321**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2013 tal- 10 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi l-lista tal-Unjoni ta' prodotti primarji awtorizzati ta' taħwir bl-affumikazzjoni għall-użu bħala tali fl-ikel jew fuq l-ikel u/jew għall-produzzjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni derivati (ĠU L 333, 12.12.2013, p. 54).

85. **32014 R 0040**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 40/2014 tat-17 ta' Jannar 2014 li jawtorizza ċerti dikjarazzjonijiet sanitarji dwar l-ikel, ħlief dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012 (ĠU L 14, 18.1.2014, p. 8).”

<sup>(1)</sup> ĠU L 251, 21.9.2013, p. 7.

<sup>(2)</sup> ĠU L 14, 18.1.2014, p. 8.

<sup>(3)</sup> ĠU L 333, 12.12.2013, p. 54.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 907/2013 u (UE) Nru 40/2014 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013 bl-Islandiż u bin-Norveġiż, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-26 ta' Settembru 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Kurt JÄGER

---

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati